**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI**

**SEDUTA NRU. 45**

**Il-ĠIMGĦA 20 TA' MARZU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Sitt Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, il-**Viċi Sindku** Darleen Zerafa, **il-Kunsilliera** Charles Fava, Raymond Balzan, Antonia Attard Gialanze u James Cauchi.

**Il-Kunsillier** Dorian Bugeja kien **skużat**.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**45/01 SOSPENSJONI TAR-REGOLAMENTI DOK 'A'**

**Il-Kunsillier James Cauchi**, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, talab li l-Kunsill jissospendi l-ordni tal-laqgħa sabiex iressaq stqarrija.

**Il-Kunsillier James Cauchi** qara din l-istqarrija :

Re : Seduta b'Urġenza – Illum il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009

Sur Segretarju,
Qed nitlob sospensjoni tar-regolamenti.

Minkejja li naqbel perfettament mal-preokkupazzjoni u l-insistenza tiegħek sabiex tisejjaħ b'urġenza din il-laqgħa, kif fil-fatt għamilt, qiegħed ninfurmak li qed niddissassoċja ruħi kompletament billi mhux ser nieħu sehem attiv fil-laqgħa msemmija. Dan qed nagħmlu fuq parir legali peress li ssemma' ismi fuq stazzjon politiku mingħajr anke l-permess tiegħi kif ukoll fl-interess tal-poplu Bormliż kollu li jien qed nirrappreżentah fil-Kunsill Lokali tagħna.

Nitolbok ukoll tinnota dan kollu fil-minuti.

**Il-Kunsillier James Cauchi** poġġa din l-istqarrija fuq il-Mejda tal-Kunsill għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**45/02** **MINUTI TAS-SEDUTA NRU 44**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 44, li nżammet nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Charles Fava** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-Ħames (5) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsillier James Cauchi** filwaqt li kien preżenti ma pparteċipax fil-vot li ttieħed dwar l-approvazzjoni tal-minuti.

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 44**.

**45/03** **STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA U X-XANDIR** **DOK 'B'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill u qara l-istqarrija għall-Istampa u l-Mezzi tax-Xandir, maħruġa minnu fis-16 ta' Marzu 2009, dwar l-Attivitajiet li se jkunu organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Kottonera fl-okkażjoni tat-30 Anniversarju mill-Ħelsien ta' Malta. Din l-istqarrija kienet maħruġa b'rejazzjoni għall-konferenza ta' l-aħbarijiet imtella' mill-Kunsilliera Nazzjonalisti fl-istess ġurnata.

**45/04** **ATTIVITA' 30 ANNIVERSARJU TA' JUM IL-ĦELSIEN**

**Is-Sindku Joseph Scerri** stqarr li din is-seduta tal-Kunsill kienet imsejħa sabiex il-Kunsill jikkonkludi dak li kien mifthiem unanimament fis-Seduta tal-5 ta' Marzu, jiġifieri l-attivita' mtella' b'rabta mat-30 Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien u dan sabiex ħadd ma jgħid li fil-Kunsill ħrabna mir-responsabbilitajiet lejn il-lokalita' kollha f'din l-okkażjoni u dak li kien mifthiem li jkun organizzat ma jinġibx għall-attenzjoni tal-Kunsill kollu.

Is-Sindku stqarr li kien jiddispjaċih ferm għall-atteġġement li ddeċieda li jieħu l-Kunsillier James Cauchi, kif fisser fl-isqarrija tiegħu, għaliex kien iħoss li bil-parteċipazzjoni attiva fid-diskussjoni biss wieħed jista' verament jagħti sehemu lejn il-lokalita'. Is-Sindku sostna li la l-Kunsill u wisq anqas il-Kunsilliera Laburisti ma jistgħux jinżammu responsabbli għal dak li kien irrapurtat minn stazzjon tar-radju.

Is-Sindku tenna kif il-Kunsill ta' Bormla ma kienx partiġġjan, u fakkar kif madwar sentjen ilu dan il-Kunsill kien unanimament qabel li fi Ġnien Santa Margerita li nbena jitwaqqaf bust u rħama għal Carmelo Mifsud Bonnici, il-Gross. Is-Sindku sostna li bħala Kunsill flimkien urejna lkoll kemm il-Kunsill ma kienx Kunsill partiġġjan. Il-fatt li l-Bust ta' Carmelo Mifsud Bonnici ma sarx mhux tort tal-Kunsill tant li l-Kunsill għadu sal-lum ma jafx ir-raġuni għala dan il-bust twaqqaf milli jsir.

Is-Sindku kompla jispjega kif fis-seduta ta' qabel din, huwa kien ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ittra li kien irċieva dak inhar stess mingħand

is-Segretarju Ġenerali tal-Partit Laburista fejn kien imħeġġeġ jorġanizza attivita' fil-lokalita' b'rabta mat-30 Anniversarju mill-kisba tal-Ħelsien, kif ukoll titwaħħal plakka kommemorattiva għall-istess għan. Dan għamlu immedjatament fl-ewwel seduta li ħabtet dak inhar stess, u ma ħeba xejn, u kollox kien diskuss f'dik is-seduta, tant li kien hemm qbil unanimu li ssir l-attivita' għall-Maltin kollha, għaliex il-Kunsill qabel li din tkun attivita' tal-Kunsill.

Is-Sindku tenna li baqa' ferm sorpriż meta kien infurmat mill-ġurnalista tat-Times Cynthia Busuttil, li kienet saret *press conference* mill-President tal-KKPN (Kulleġġ Kunsilliera Partit Nazzjonalisa) u fost il-Kunsilliera Nazzjonalisti li kienu preżenti għal dik il-*press conference* kien hemm ukoll il-Kunsillier James Cauchi.

Is-Sindku kompla jispjega li kif kien hemm imfisser fl-istess minuti tas-seduta 44, huwa kien ressaq din il-korrispondenza fis-seduta u kien hemm qbil unanimu dwar din l-attivita', u huwa kien stqarr fl-istess seduta, li dwar dak li kien mifthiem fis-seduta huwa kien sejjer jiltaqa' u jiċċarah mas-Sindki l-oħra, sabiex ma jsirux attivitajiet l-istess, bl-attivita' ta' Bormla tkun organizzata s-sibt 28 ta' Marzu, għaliex fil-ġranet l-oħra ma jkunux addattati għall-attivitajiet f'Bormla, bil-banda San Ġorġ tieħu sehem f'din l-attivita' tal-Kunsill. Imma rriżulta li din l-istess banda kellha tieħu seħem u ddoqq fid-29 ta' Marzu u għalhekk tħassar dan il-ħsieb. Is-Sinkdu nforma li l-attivita' li sejjer jorganizza il-Kunsill ta' Bormla għas-sibt 28 ta' Marzu, minbarra dawl tat-toroq, se jittella' d-dramm 'Ġrajjietna', storja ta' Poplu li bi qlubitu sawwar tiegħu l-Ħelsien, miktub fuq il-ġrajjiet kollha li għadda minnhom pajjiżna tul iż-żminijiet.

Is-Sindku ressaq stima ta' l-ispejjeż għax-xogħolijiet u l-materjal meħtieġa għal din l-attivita'. Huwa żied li ma' dawn l-ispejjeż hemm ukoll l-ispiża tad-dawl li n-Nexos permezz tas-sur Silvio Scerri bħala Bormliż, u bħala li ħuh kiteb id-dramm u b'ħaddiema li se jieħdu sehem fil-play, sponsorizza dan id-dawl għas-somma ta' €2,315. L-Ispejjeż l-oħra ta' Awdio, pyroteknika, kostumi, props, koreografija, u drapp u ħjata huma stmati li se jammontaw €1,607, u li għalihom hemm ukoll numru ta' sponsors bħall-V& A u l-Kasco Ltd b'€200 kull wieħed, filwaqt li l-RACS Ltd se jaħsel il-Monument tal-Gwerra b'xejn. Għalhekk l-ispiża totali se tkun ta' madwar €1,200 għal din l-attivita' tat-30 sena Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien, festa Nazzjonali li għandha tgħaqqad u mhux tifred.

Is-Sindku talab sekondant għal dawn l-attivitajiet, u għan-nefqa dwar l-attivitajiet, u l-**Kunsillier Charles Fava** ssekonda.

**Ivvutaw Favur il-Ħames (5) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsillier James Cauchi** filwaqt li kien preżenti ma pparteċipax fil-vot li ttieħed.

Is-Sindku temm din il-laqgħa billi reġa' tenna li din is-seduta kienet

għalhekk imsejħa sabiex il-Kunsill kollu jkun infurmat b'dak kollu li se jsir mill-Kunsill, u sabiex ikun maqbul fil-Kunsill l-attivita' li sejra issir is-Sibt 28 ta' Marzu, attivita' purament tal-Kunsill, għall-Maltin kollha. Is-Sindku enfasizza li din l-attivita' li sejra tittella' mill-Kunsilli tal-Kottonera m'għandha x'taqsam xejn ma' l-attivitajiet imtella' mill-Partit Laburista b'rabta ma' dan l-Anniversarju.

45/06 **Il-Kunsilliera Antonia Attard Gialanze** żiedet tikkummenta dwar l-armar u sostniet li wieħed għandu jmur għand tal-festa biex jikri dak li għandu bżonn, bħall-arbli, mill-għaqda.

45/07 **Il-Kunsillier Raymond Balzan** stqarr li huma mhux ħeġġuna, iżda aħna bħala kunsilliera nirrapreżentaw il-Partit Laburista, u mhux indipendenti, u huma jgħidulna u aħna nagħmlu.

45/08 **Is-Sindku Joseph Scerri,** wara d-diskors tal-kunsillier Ray Balzan, reġa' b'qawwa enfasizza li l-Kunsilliera la ġew obbligati u l-anqas imġiegħla, imma il-Kunsill kien imħeġġeġ jorganizza attivita' fil-lokalita' b'rabta ma' dan l-Anniversarju u l-Kunsill ħadem unanimament għall-attivita' għall-poplu Malti kollu, mingħajr distinzjoni, kif jixhdu l-istess inviti li ħareġ il-Kunsill. Għalhekk m'għandux jintqal diskors li jħawwad l-għan ta' din l-attivita' kif ġiet approvata fil-Kunsill.

Is-Seduta ntemmet fis-6.55 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 26 ta' Marzu 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |